MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**EDWINA GRIMA**

Seduta tat-23 ta' Frar, 2004

Talba Numru. 784/2003

**Commonwealth Educational Society Lta ta' Nassau, Bahamas kif rappresentata lokalment mill-mandatarju taghha Godfrey Aquilina**

**vs**

**Charles Grech**

**It-Tribunal,**

Ra l-Avviz fl-ismijiet premessi prezentat fit-22 ta' April, 2003, fejn intalab li l-konvenut jigi kkundannat ihallas lis-socjeta attrici nomine s-somma ta' tlett mija u hamsa u disghin lira Maltin (Lm395) rappresentanti import ta' prezz ta' diversi kotba mibjugha u ikkonsenjati lill-konvenut ai termini ta'l-iskrittura ffirmata bejn il-partijiet datata 26 ta' Mejju 2000 u dana prevja dikjarazzjoni illi l-konvenut ddekada mill-beneficcju tal-mod u tat-terminu kif lilu gie koncess mill-attur nomine fl-istess skrittura u dana senjatament sew minhabba l-ksur ta'l-obbligi kontrattwali

rigwardanti il-hlas tal-prezz tal-kotba kif indikat fl-istess skrittura permezz tal-pagamenti rateali mensili ai termini ta'l-iskrittura li kellhom jibdew jigu imhallsa mill-konvenut lis-socjeta attrici b'effett mis-26 ta' Lulju 2000, bir-rata ta' Lm10 kull wiehed izda li baqghu ma sarux.

Bl-ispejjez, inkluzi dawk ta'l-ittra ufficjali ta'l-1 ta' Novembru 2002 u bl-imghaxijiet mill-istess data kontra l-konvenut, ingunt in subizzjoni.

Ra r-risposta tal-konvenut ipprezentata fil-21 ta' Mejju 2003 fejn huwa eccepixxa:
1. illi in linea preliminari l-azzjoni hija preskritta fit-termini ta'l-Artikolu 2148(b) tal-kapitolu 16.
2. illi subordinatament u minghajr pregudizzju l-ammont mhux dovut stante li fi zmien preskritt mill-ligi, l-konvenut ikkancella l-ordni.
3. illi subordinatment il-kotba ma gewx ikkonsenjati lilu kif jirrizulta mill-ircevuta relattiva.

Ra l-verbal tat-22 ta' Ottubru 2003 fejn l-kawza giet differita ghas-sentenza fuq l-ewwel eccezzjoni dwar il-preskrizzjoni ta'l-azzjoni.

Ra illi l-partijiet ma kellhomx provi dwar din l-ewwel eccezzjoni ghajr li giet ipprezentata mis-socjeta attrici kopja ta'l-ittra ufficjali ta'l-1 ta' Novembru 2002 u ir-riferta relattiva (esebita bhala Dokument B), kif ukoll kopja ta' sentenza moghtija mill-Qorti tal-Magistrati fit-12 ta' Gunju 2003 fl-ismijiet Commonwealth Educational Society vs Victor Debono (esebita bhala Dokument C).

Ra n-nota ta' sottomissjonijiet ipprezentata mill-konvenut, flimkien mad-Dokument AB1, konsistenti fil-ftehim li gie iffirmat bejn il-partijiet, kif ukoll n-nota ta' sottomissjonijiet ipprezentata mis-socjeta attrici.

Ha konjizzjoni tac-cirkostanzi kollha tal-kaz u tad-dokumenti esebiti.

Ikkunsidra,

Illi din is-sentenza tirrigwarda limitament l-ewwel eccezzjoni sollevata mill-konvenut rigward il-preksrizzjoni ta'l-azzjoni attrici ai termini ta'l-artikolu 2148(b) tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta, u cioe' l-preskrizzjoni tat-tmintax-il xahar konnessa ma'l-azzjonijiet ta' kredituri ghall-prezz ta' merkanzija, oggetti jew hwejjeg ohra mobbli mibjugha bl-imnut.

Illi jirrizulta kemm mill-avviz kif ukoll mid-dokumenti esebiti illi kien gie iffirmat ftehim bejn il-partijiet ghal bejgh ta' kotba lill-konvenut mis-socjeta attrici u dana fis-26 ta' Mejju tas-sena 2000 (ara Dokumenti a fol 3 u 28 tal-process). Il-prezz ta' dawn il-kotba kien jammonta ghal Lm395 u cioe' l-ammont kollu mitlub fl-avviz. Dana l-ammont kellu jithallas f'pagament rateali, l-ewwel pagament isir dovut fis-26 ta' Lulju 2000, bil-kundizzjoni illi l-ammont kollu isir dovut f'salt hekk kif il-konvenut jikser xi wahda mill-kundizzjonijiet imposti fuqu fil-ftehim. Jidher ghalhekk illi l-konvenut ma effetwa l-ebda pagament lis-socjeta attrici ai termini tal-ftehim u ghalhekk huwa tilef il-beneficcju tat-terminu koncess lilu u l-ammont gie kollu dovut f'salt. L-ewwel pagament li kellu isir mill-konvenut kien fis-26 ta' Lulju 2000, f'liema data l-konvenut ma hallas l-ebda ammont, u ghalhekk skond il-ftehim kiser l-obbligi kontrattwali assunti minnu, tant ghalhekk illi l-ammont mitlub gie kollu dovut f'salt f'dik id-data. (ara sentenza Dokument C a fol.13 sa 25 tal-process fl-ismijiet Commonwealth Educational Society vs Victor Debono fejn gie deciz: "meta ma thallistx l-ewwel rata dovuta mill-konvenut, l-kumpanija attrici kienet kisbet id-dritt li tesigi l-prezz kollu dovut mill-konvenut u setghet ghalhekk tezercita l-azzjoni odjerna".)

Illi jirrizulta illi l-konvenut gie interpellat sabiex ihallas dana l-ammont permezz ta' ittra ufficjali datata 1 ta' Novembru 2002, liema ittra giet debitament notifikata lilu fis-7 ta' Novembru 2002. Mill-provi ma jirrizultax illi kienet saret xi interpellazzjoni ohra jew li l-konvenut kien ammetta li kellu ihallas dan id-dejn.

Illi ghalhekk is-socjeta attrici setghet tezercita l-azzjoni odjerna mid-data tas-26 ta' Lulju 2000 u dana ghall-

ammont kollu mhux biss ghar-rata mensili dovuta f'dik id-data, izda l-ewwel interpellazzjoni sabiex jigi interrott it-terminu preskrittiv sehh biss fl-1 ta' Novembru 2002, kwindi it-termini preskrittiv tat-tmintax il-xahar kien diga' skada u dana fid-data tas-26 ta' Jannar 2002.

Illi jekk s-socjeta attrici ghazlet li tistitwixxi il-proceduri kontra l-konvenut issa, permezz tal-presenti azzjoni, din kienet ghazla taghha, izda wiehed ma jistax jikkonkludi (kif donnha qed tipprova taghmel s-socjeta attrici) illi l-azzjoni tista' tigi ezercitata biss meta jidhrilha is-socjeta attrici ghaliex altrimenti, l-azzjoni ma tista' tigi preskritta qatt.

Ghaldaqstant it-Tribunal jaqta' u jiddeciedi billi jiddikjara l-azzjoni preskritta ai termini ta'l-artikolu 2148(b) tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta u ghalhekk filwaqt illi ighaddi sabiex jilqa' l-ewwel eccezzjoni sollevata mill-konvenut, jichad it-talba attrici bl-ispejjez ta' dina l-istanza kontra taghha.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM-------------------------------